**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 119/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Jonathan CAMILLERI**

**Illum, 15 ta' Mejju 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-14 ta' Frar 2023 fil-konfront ta' **Jonathan CAMILLERI**, iben John u Angela nee` Camilleri, imwieled il-Pieta` nhar it-13 ta' Ġunju 1984, residenti 'Sun Valley', Triq l-Isperanza, Mosta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 292684(M), li ġie mixli talli:

   Fit-18 ta' Mejju 2022 għall-ħabta ta' 01.15hrs fi Triq Nutar Zarb, Ħ'Attard, waqt li kien bil-vettura BCF 319 tal-għamla Ford Transit:

(1) Saq l-imsemmija vettura Nru. BCF 319 li ma kellhiex liċenzja biex tintuża fit-triq;

(2) Saq l-imsemmija vettura Nru. BCF 319 mingħajr ma kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(3) Bħala persuna li jew b’kitba, tpinġija jew b’mod ieħor, biddel, ħassar, sfigura jew żied xi ħaġa f’liċenzja ta’ xi vettura jew qiegħed fuq vettura diska ta’ liċenzja li tkun ġiet mibdula, tkun tħassret, tkun ġiet sfigurata jew li jkun ġie miżjud xi ħaġa fiha ċioe` kellu liċenzja ta’ vettura oħra EAC 934 maħruġa fuq vettura ta’ għamla Kia Ceres;

(4) Bħala sid tal-imsemmija vettura Nru. BCF 319 naqas milli jara li jkollha dejjem u f’kull żmien liċenzja ta’ ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita` għat-Trasport f’Malta;

(5) Kellu fit-triq l-imsemmija vettura Nru. BCF 319 kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida maħruġa mill-Awtorita` għat-Trasport Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 44(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, filwaqt li lliberat lill-imputat (illum appellant) mir-raba’ u l-ħames imputazzjonijiet, sabitu ħati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għalhekk ikkundannatu għal piena ta’ multa komplessiva ta’ elfejn u disa’ mitt ewro (€2,900). B’żieda mal-piena, l-ewwel Qorti applikat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sena u tmint ijiem.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi Jonathan CAMILLERI appella minn din is-sentenza billi talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha:

   "*Tikkonferma s-sentenza appellata fejn illiberatu mir-raba' u il-hames akkuza filwaqt li tirrevokaha u tannullaha fir-rigward tas-sejbien ta' htija fuq l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.*

   *B'mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa u/jew tirriduci s-sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan.*"

## D. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

4. Illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar l-1 ta' Awwissu 2023, il-partijiet trattaw ir-rikors tal-appell. Sussegwentement, fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif preseduta, nhar it-8 ta' Jannar 2024, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jistrieħu fuq it-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-18 ta' Mejju 2021, għall-ħabta tas-1.15 a.m., waqt illi kienu qegħdin isiru kontrolli ġewwa Triq Nutar Zarb, Attard, il-Pulizija waqqfu vettura tal-għamla Ford Transit misjuqa minn ċertu Jonathan Camilleri, bin-numru ta' reġistrazzjoni BCF 319, b'liċenzja ta' ċirkolazzjoni fuq il-*windscreen* li kienet iġġib id-data ta' Mejju 2022 ('MAY-22'). PS 1037 S. Mifsud jixhed, bil-proċedura tal-affidavit, kif huma ssuspettaw f'din il-vettura stante illi n-numri ta' reġistrazzjoni kien jibda bl-ittra 'B', fil-waqt illi l-liċenzja kienet iġġib l-imsemmija data u nnutaw illi din il-liċenzja ma kinitx tappartjeni lill-vettura in kwistjoni, iżda kellha ittri ta' vettura oħra bin-numru ta'

reġistrazzjoni EAC 934. Għalhekk il-liċenzja ġiet maqlugħa minn postha, u rriżulta illi fuq wara tagħha, kien hemm liċenzja oħra li kienet tagħlaq fi Frar 2022 ('FEB-22') u li kienet tgħajjat lill-vettura Ford Transit. Minn verifiki li għamlu l-Pulizija mal-*Control Room* irriżulta illi l-liċenzja u l-polza tal-assikurazzjoni tal-istess vettura kienu skaduti għaliex għalqu fi Frar 2022. Irriżulta wkoll minn verifiki ulterjuri illi n-numru ta' reġistrazzjoni fuq il-liċenzja ta' ċirkolazzjoni li kienet tagħlaq f'Mejju 2022 kienet tappartjeni lil vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EAC 934 ossia vettura tal-għamla KIA Ceres, reġistrata fuq ċerta Rose Camilleri. Il-vettura għalhekk ġiet irmunkata u meħuda Ta' Kandja għall-investigazzjoni ulterjuri.

6. Jirriżulta wkoll mill-istess affidavit, illi nhar il-25 ta' Mejju 2022, Jonathan Camilleri ġie mitkellem mill-Pulizija b'rabta ma' dan ir-rapport, u dan wara li ġie mogħti lilu d-dritt tas-silenzju, kif ukoll id-dritt għall-assistenza legali, liema dritt huwa rrifjuta li jeżerċitah. Huwa stqarr mal-Pulizija illi kien ħallas il-liċenzja tal-vettura KIA sena qabel u minflok ma waħħal il-liċenzja ma' din il-vettura, waħħalha mal-vettura Ford Transit, mingħajr ma rrealizza illi kien għamel dan. Żied jgħid illi huwa rrealizza b'dan l-iżball meta ġie mwaqqaf mill-Pulizija. Stqarr ukoll illi wara li tteħditlu l-vettura mill-Pulizija, huwa mar iħallas il-polza tal-assikurazzjoni tal-istess vettura, sabiex ikun jista' jerġa' jeħodha lura u jkun jista' jagħmlilha l-VRT.[1] Sussegwentement l-appellant Jonathan CAMILLERI ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bir-reati fuq ċitati, u nhar l-14 ta' Frar 2023 ingħatat fil-konfront tiegħu s-sentenza appellata, kif ingħad.

7. Illi permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant CAMILLERI jillanja dwar in-nuqqas ta' identifikazzjoni tiegħu, da parti ta' PS 1037 S. Mifsud, bħala l-persuna li dakinhar tat-18 ta' Mejju 2022 kienet qed issuq l-imsemmija vettura tal-għamla Ford Transit, kif ukoll illi ma ġiex muri illi huwa kien l-istess persuna mitkellma minn PS 1037 nhar il-25 ta' Mejju 2022. L-appellant jilmenta mill-fatt illi minn imkien mill-affidavit ta' PS 1037 ma jirriżulta illi dak is-sewwieq kien proprju hu u dan għaliex ma jirriżultax li tniżżlu l-konnotati tiegħu, lanqas in-numru tal-karta tal-identita` tiegħu sabiex tiġi kkonfermata l-identita` tiegħu. Skont l-

[1] Ara a fol. 2 u 3 tal-proċess.

appellant, il-Qorti ma tistax issib ħtija kemm il-darba ma tkunx konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, illi huwa l-istess persuna mwaqqfa mill-Pulizija u li xi jiem wara ġiet interrogata dwar il-każ odjern. La darba l-konnotati tal-persuna mwaqqfa dakinhar tal-każ huma neqsin mill-affidavit ta' PS 1037 ma tistax issir identifikazzjoni pożittiva tal-appellant, li twassal għall-konklużjoni illi l-appellant kien proprju dik il-persuna, b'dan għalhekk illi d-dubju għandu jmur favur tiegħu. L-appellant jilmenta wkoll illi r-rapport tal-Pulizija 9/POL/3035/2022 ma jistax jitqies bħala li jagħmel prova kontra tiegħu in kwantu dan qatt ma ġie kkonfermat bil-ġurament minn PS 1037 li rrediġih, u lanqas ma saret referenza għalih fl-affidavit tal-istess Surġent. Bl-istess mod jikkontendi l-appellant, illi lanqas ma tirriżulta l-prova illi Jonathan Camilleri li għalih issir referenza fl-affidavit ta' PS 1037, iffirma d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-assistenza legali esebita in atti, u allura din ma tagħmilx prova kontra l-appellant, stante illi ma ġietx mehmuża mal-istess affidavit u ma ġietx esebita bil-ġurament mill-imsemmi Surġent.

8. Illi permezz tal-prova bl-affidavit ta' PS 1037 S. Mifsud, din il-Qorti tqis illi ġie ppruvat illi dakinhar tat-18 ta' Mejju 2021, fil-ħinijiet bikrija ta' filgħodu, twaqqfet vettura tal-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni BCF 319, li kienet misjuqa minn ċertu Jonathan Camilleri. Mill-istess affidavit, jirriżulta wkoll ippruvat illi l-istess vettura kellha mwaħħla fuq il-*windscreen*, liċenzja li kienet taqra 'MAY 22' u illi din il-liċenzja kienet tappartjeni lil vettura oħra tal-għamla Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni EAC 934, li kienet issejjaħ lil ċertu Rose Camilleri.

9. Illi kif tajjeb jgħid l-appellant, fl-affidavit tiegħu, PS 1037 ma jidentifikax lill-persuna mwaqqfa mill-Pulizija kif ingħad, ħlief bl-isem ta' Jonathan Camilleri, mingħajr għalhekk ma jipprovdi l-konnotati tiegħu, inkluż in-numru tal-karta tal-identita` tal-istess Camilleri. M'hemmx dubju illi l-prova permezz tal-konnotati meħuda mill-karta tal-identita` tal-istess sewwieq, hija l-iżjed prova b'saħħitha tal-identita` ta' dak is-sewwieq. Ma jfissirx, madankollu, illi l-prova ma tistax issir xort'oħra u wieħed għandu dejjem iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-każ odjern, fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi ma jirriżultax mill-atti proċesswali illi l-appellant ikkontesta l-prova tal-identita` tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, tant illi dik il-Qorti lanqas indirizzat dan il-punt fis-sentenza tagħha. In oltre hemm

provi oħrajn fl-atti li fuqhom setgħet tistrieħ l-ewwel Qorti sabiex tasal għall-konklużjoni illi l-persuna li kienet qed issuq il-vettura in kwistjoni kienet proprju l-appellant odjern.

10. Jibda biex jingħad illi mix-xhieda bil-proċedura tal-affidavit ta' Stephen Cachia, impjegat fid-Direttorat għat-Trasport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, jirriżulta illi fit-18 ta' Mejju 2022, il-vettura tal-għamla Ford Transit Van, bin-numru ta' reġistrazzjoni BCF 319 kienet reġistrata fuq Jonathan Camilleri, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 292684(M) u illi kienet ilha hekk reġistrata mill-4 ta' Frar 2006. Jirriżulta in oltre miċ-ċitazzjoni odjerna illi dan huwa n-numru tal-karta tal-identita` tal-appellant odjern. M'hemmx dubju għalhekk illi sid il-vettura li ġiet imwaqqfa fil-lejl in kwistjoni kien proprju l-appellant. Issa veru illi fl-affidavit ta' PS 1037, is-sewwieq ġie identifikat biss b'ismu – ossia Jonathan Camilleri – meta ġie mwaqqaf fl-istess lejl, iżda jirriżulta wkoll illi sussegwentement l-istess Jonathan Camilleri ġie mitkellem ukoll mill-Pulizija ġimgħa wara, u dan fl-ebda mument ma allega illi ma kienx sid il-vettura, jew inkella illi ma kienx hu li ġie mwaqqaf mill-Pulizija fil-lejl in kwistjoni. Anzi dakinhar huwa stqarr kif kien ħallas il-liċenzja tal-vettura Kia s-sena ta' qabel u illi minflok waħħalha fuq din il-vettura, bi żball waħħal din il-liċenzja fuq il-vettura Ford Transit, mingħajr ma rrealizza li kien għamel dan. Skont hu, kien biss meta ġie mwaqqaf mill-Pulizija illi nduna b'dan l-iżball. Stqarr in oltre kif wara li ġie mwaqqaf fil-lejl in kwistjoni u tteħidlu l-vann, huwa mar iħallas l-assigurazzjoni tal-istess vann sabiex ikun jista' jerġa' jieħu lura l-vettura u jagħmlilha l-VRT. Għalhekk apparti illi PS 1037 kien preżenti fuq il-post meta twaqqaf Jonathan Camilleri, u kien preżenti wkoll meta ttieħdet l-istqarrija tiegħu u għalhekk seta' jagħraf illi dan kien l-istess persuna li twaqqfet fil-lejl in kwistjoni, mill-kontenut tal-istess stqarrija, din il-Qorti m'għandhiex dubju illi din ġiet rilaxxjata proprju minn sid il-vettura in kwistjoni, Jonathan Camilleri detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 292684(M) ossia l-appellant odjern. Għalhekk din il-Qorti lanqas m'għandha dubju illi l-appellant odjern kien proprju s-sewwieq tal-istess vettura fil-lejl tat-18 ta' Mejju 2022.

11. Illi f'dan il-kuntest, din il-Qorti tqis ukoll illi minkejja illi d-dikjarazzjoni tar-rinunzja għall-assistenza legali esebita in atti mill-Uffiċjal Prosekutur

bħala dik id-dikjarazzjoni li ffirma l-appellant odjern, ma ġietx ġuramentata minn PS 1037, li ffirma l-istess dikjarazzjoni, madankollu jirriżulta b'mod ċar mill-affidavit tal-istess PS 1037 illi l-appellant "*gie infurmat bid-drittijiet tieghu li ghandu id-dritt ma iwigeb ghal xejn, kif ukoll li ghandu id-dritt li jikonsulta ma avukat filprivat jew ikun prezenti waqt l-interrogazzjoni, fejn Jonathan ir-rinunzja minn dan id-dritt u iffirma dikjarazzjoni.*"[2] Fil-fatt l-appellant lanqas ma jikkontesta l-fatt illi huwa ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, iżda sempliċiment illi d-dikjarazzjoni msemmija ma ġietx esebita bil-ġurament. Kif ingħad madankollu jirriżulta mill-affidavit mhux biss illi l-appellant ingħata d-dritt tal-assistenza legali, iżda wkoll illi rrinunzja għal dan id-dritt.

12. Illi fir-rigward irid jingħad ukoll illi l-appellant fl-ebda waqt ma kkontesta l-kontenut tal-affidavit ta' PS 1037. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 360A(1) tal-Kodiċi Kriminali, liema dispożizzjoni tal-liġi ssib applikazzjoni fi proċeduri ta' natura sommarja u tgħodd għax-xhieda ta' dawk l-uffiċjali pubbliċi, fost oħrajn, li jagħżlu illi jagħtu x-xhieda tagħhom permezz tal-affidavit. Jekk l-imputat ikun irid jagħmel il-kontro-eżami lix-xhud, huwa għandu javża lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ix-xhud jitħarrek, liema avviż għandu jsir mhux iktar tard minn ħmistax-il jum qabel id-data tas-smigħ tal-ewwel seduta. L-imsemmi avviż jista' wkoll jingħata lill-Kummissarju tal-Pulizija fl-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, fejn ma jkunx possibbli illi dan iseħħ qabel.

13. Madankollu, fil-każ odjern, l-appellant għażel illi ma jeżerċitax id-dritt tiegħu illi jagħmel il-kontro-eżami tax-xhud permezz tal-proċedura msemmija. Fit-termini tal-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xhieda tal-kontenut tiegħu, daqs li kieku kien xhieda *'viva voce'* fil-preżenza tal-imputat. Ix-xhieda hekk mogħtija għalhekk hija meqjusa bħala prova valida bħallikieku ġiet mogħtija minn dak ix-xhud '*viva voce*'. L-oneru tal-prova xorta waħda jispetta lill-Prosekuzzjoni sabiex tipprova r-reati addebitati lill-imputat, iżda dak kontenut fl-affidavit huwa meqjus bħala prova ammissibli illi l-Prosekuzzjoni tista' tistrieħ fuqha, kif tista' tistrieħ fuqha l-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha. Għaldaqstant, la darba l-appellant

[2] Ara a fol. 3 tal-proċess.

fl-ebda waqt ma kkontesta l-kontenut tal-affidavit ta' PS 1037 S. Mifsud, lanqas permezz tal-aggravji tiegħu fl-appell minnu nterpost, u rrispettivament mill-fatt illi d-dikjarazzjoni tar-rifjut għall-assistenza legali ma ġietx esebita bil-ġurament tal-istess PS 1037 S. Mifsud, la darba jirriżulta mill-istess affidavit illi l-appellant ingħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi – fatt illi, kif ingħad, lanqas ma hu kontestat mill-istess appellant – din il-Qorti tqis illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi s-sewwieq tal-vettura in kwistjoni fil-lejl tat-18 ta' Mejju 2022 kien proprju sid l-istess vettura ossia l-appellant odjern u tgħaddi għalhekk sabiex tiċħad l-ewwel aggravju tal-istess appellant.

14. Illi t-tieni aggravju tal-appellant jittratta l-piena nflitta mill-ewwel Qorti. L-appellant jillanja illi huwa juża l-vettura tiegħu għax-xogħol kuljum, illi huwa *self-employed* bħala mastrudaxxa u *fitter* u għalhekk ikun jeħtieġlu illi jmur għand il-klijenti tiegħu sabiex jieħu l-kejl, u jgħabbi l-għamara maħduma sabiex jeħodha għand il-klijenti. Mingħajr il-vettura, fiż-żmien illi l-liċenzja tiegħu se tkun sospiża, huwa mhux se jkun jista' jaħdem. In oltre fil-fehma tal-appellant, il-multa li ġie kkundannat iħallas mill-ewwel Qorti hija sproporzjonata u għandha tkun fil-minimu, jew tqarreb lejn il-minimu, b'dan għalhekk illi għandu jkun hemm temperament fil-piena mposta mill-ewwel Qorti. In kwantu l-liċenzja tas-sewqan, huwa jitlob ukoll il-klemenza tal-Qorti.

15. Illi jibda biex jingħad li huwa prinċipju ormai stabbilt fil-ġurisprudenza kopjuża tal-Qrati tagħna kif f'materja ta' appell minn piena, sabiex din il-Qorti tvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita` illi jirriżultalha illi tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' April 2003, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> Illi dwar dan din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**" deciza fl-14 ta' Gunju, 1999 fejn din il-Qorti kienet qalet illi:-
>
> *"Mhux normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma*

*jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt"*

16. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004,* filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '*...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being**

**merely more than the Court of Appeal itself would have passed.”**[3]

17. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analizi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[4]

18. Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti u ċioe` multa kumplessiva ta’ elfejn u disa’ mitt ewro (€2,900), hija fil-parametri tal-piena preskritta mil-liġi għar-reati li tagħhom instab ħati l-appellant u għaldaqstant, ma tqisx illi għandha titbiegħed minn din il-piena. In oltre in kwantu għall-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan, fit-termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta:

> “Kull min jinstab ħati ta’ reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta’ skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta’ tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati”

Fit-termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta’ Malta:

> Fil-każ ta’ kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b’żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta’ mhux anqas minn tmint ijiem.

[3] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45
[4] Ara f’dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta’ Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

19. Kif ingħad l-appellant jilmenta li huwa għandu bżonn il-vettura għal gwadann tal-għixien tiegħu u li għalhekk din l-iskwalifika se tirrekalu preġudizzju. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Adrian Saliba** tal-11 ta' Ġunju 2020, fejn ingħad hekk:

> Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Frans Micallef Spettur Spiridione Zammit Vs Mario Mifsud'**[5] fejn gie kkunsidrat li:
>
> *'Minbarra l-ewwel argument, l-appellant ressaq ukoll ilment illi huwa jiddependi hafna mis-sewqan minhabba problemi illi ghandu familjari fis-sens illi qed irabbi wahdu zewgt itfal minuri u li wiehed minnhom ibaghti minn autism akuta u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja ser jaghmel il-hajja tal-appellant ferm difficli anke minhabba li l-aktar li ser ibaghtu minn din il-piena huma t-tfal minuri illi jiddependu b'mod assolut fuq l-appellant. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan l-ahhar ilment tal-appellant jista' jigi milqugh peress illi l-qrati taghna dejjem argumentaw illi persuna li jiddependi mis-sewqan ma jintitolahx illi jmur kontra l-ligi. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Azzopardi" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Awwissu 2006 intqal illi l-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu ... "ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin." Kif già nghad il-Qorti applikat l-iskwalifika fil-minimu taghha dovut mhux ftit ghall-fatt illi l-appellant ammetta fi stadju bikri tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.'* [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fir-rigward, din il-Qorti lanqas ma jidhrilha illi għandha tibdel is-sentenza appellata in kwantu ordnat l-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għaż-żmien indikat fl-istess sentenza.

---

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Ottubru 2014 (Appell Kriminali Numru: 1/2014).

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost mill-appellant Jonathan CAMILLERI u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**